MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 68

17 ta' Jannar 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Maria Concetta Scerri – Kunsillier
Victor Galea - Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.36pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal onlajn jew ġie fuq il-post fil-ħin. Hu offra talba lill-familja tas-Sinjura Connie Scerri li kienet għadha kemm tilfet lil ħuha.

## 68.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

68.1.1 Is-Sur Cordina qal li s-Sinjura Scerri għadha kemm ċemplitlu u għaldaqstant qed tiġi skużata.

## 68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

68.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 67 ġew approvati.

## 68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

68.3.1 *Żvilupp ta' propjetà tal-BOV plc*

Is-Sur Cordina qal li saret l-oġġezzjoni *online* mill-Perit tal-Kunsill kif miftiehem fuq ic-chat. Qal li iktar 'l quddiem ħa jinfurmahom biex ikunu jistgħu iżommu *press conference*.

68.3.2 *Triq Victor Vassallo*

Is-Sur Cordina qal li l-pjanta mħejjija mill-Perit tal-Kunsill ta' Triq Victor Vassallo ġiet sottomessa Infrastructure Malta qed tiġi verifikata u fadal ftit irtokki fuqha biex tiġi approvata.

Qal ukoll li l-Kunsill irċieva imejl li ħa jibdew ix-xogħolijiet fuq qlugħ ta' drenaġġ, ilma u *storm water culvert*. Ir-residenti ħa jiġu nfurmati.

68.3.3 *Uffiċċini tal-Kunsill*

Is-Sur Cordina qal li x-xogħol reġa' waqaf u filwaqt li nforma lill-kulħadd bil-laqgħa li kellu mal-konsulent ta' FES Projects Ltd. qal li issa qed jiddejjaq u ħa jtihom l-aħħar ċans, tentattiv ieħor u barra. Hu qal li l-multi jammontaw għall-€36,568.84c. Barra l-multi hemm ukoll il-kera minn Jannar sa Ġunju hija ta' € 6,900 barra l-kera tal-klabb li ħa tibda mill-bidu ta' Marzu u tammonta għall-€2,000 (Marzu – Ġunju). Hu propona li l-multi jiġu mħassra jekk ix-xogħol jerġa' jibda b'ritmu mgħaġġel. Jekk wara ġimgħatejn ma jkun sar xejn jeħel il-multi u l-kera kollha, kif ukoll il-*blacklisting.* Il-Kunsill qiegħed f'kuntatt ma' avukat espert fuq il-proċeduri ta' offerti Dr. John Gauci u jekk dan ma jimxix u jkompli ħa jiftaħlu l-kanuni kollha kontrih.

Il-Perit Schembri qal li jaqbel imma saqsa jekk ma jikkooperax il-Kunsill qed jaħseb f'xi pjan ieħor biex ikomplu u jmorru x'imkien ieħor. Is-Sur Cordina qal li le għax

għadu kmieni.  Hu qal li jekk isir mandat din kull ma tieħu 20 ġurnata, il-ħin li l-Qorti tieħu biex taċċettah jew le u jrid ikollu fuq x'hiex biex il-Qorti taċċettah.

Is-Sur John Bonnici daħal f'dan il-mument 5.44pm

Is-Sur Victor Galea saqsa x'fadal isir? Is-Sur Cordina prova jaqbad bil-mobile lill-Perit Falzon biex jgħidlu eżatt liema xogħolijiet fadal.

Is-Sur Mangion saqsa jekk hemmx deadline meta kellu jkun lest dan il-proġett u jekk hemmx bil-miktub.

Il-Perit Falzon qal li bħalissa fadal il-kostruzzjoni tal-*lift shaft* u *lift,* il-*finishing works as in* tikħil u tibjid fil-komun, aperturi ta' ġewwa għax barra lesti, il-*fire doors*, ċertifikazzjonijiet tal-elettriku u implimentazzjoni ta' dawl fil-komun inkluż preparazzjoni għad-dawl *three phase*, faċilitajiet sanitarji kollha inkluż it-tank tal-ilma fuq il-bejt, xi ftit madum fil-komun u jinbena t-taraġ minn isfel sal-ewwel sular u ovvjament l-irħam taż-żewġ sulari u l-bieb ta' barra.

Is-Sur Victor Galea saqsa jekk il-problema tal-madum li bidel il-kulur ġietx riżolta.  Is-Sur Cordina qal li dak inbidel kollu.  Il-Perit Schembri saqsa lill-Perit jekk ikollu jkompli xi kemm jieħu żmien.  Il-Perit Falzon qal li m'hemmx iktar minn sitt ġimgħat xogħol. Il-Perit qal li l-lift irid 12-il ġimgħa biex jasal minn meta jkun ordnat għax in se l-istallazzjoni tal-lift tieħu forsi tliet ijiem.  Is-Sur Galea qal li għandhom jieħdu l-aħħar ċans filwaqt li saqsa jekk għandhomx xi flus x'jaqbdulu?  Is-Sur Cordina qal li tħallas tax-xogħol li għamel u dak li tħallas hu ċertifikat bil-perit.  Is-Sur Galea qal li jaqbel li jistennew ftit ieħor u mbagħad daqshekk.

L-Avukat Brincat saqsa x'qalilhom l-Avukat Gauci?  Is-Sur Cordina qal li l-Avukat Gauci qal li għandha tinħareġ ir-raba *default notice* u strong legal letter jew inkella dirett il-Qorti.  Hu saqsa jekk hux skont il-kuntratt? Is-Sur Cordina qal li iva skont il-kuntratt. L-Avukat Caruana qalet li b'*legal letter strong* kemm hi *strong* ma tasal imkien.  Hi qalet li ittra uffiċċjali trid tkun.

Is-Sur Cordina qal li qed jitkellem magħhom biex wara li jgħaddu l-ġimgħatejn ikun jista' jmexxi skont kif miftiehem issa waqt din is-seduta anke jekk hemm bżonn bil-Qorti.

Is-Sur Bonnici saqsa jekk meta dan mar jitkellem mal-kuntrattur marx waħdu jew mal-Avukat għax dan qisu donnu mhux jagħti każ?  Is-Sur Cordina qal li meta tkellem jew mar waħdu jew mal-Perit. Hu qal li hemm anke diversi imejls mill-Perit li ma ġewx imwieġba.

L-Avukat Caruana saqsiet fuq il-procurement jekk ikunux jistgħu ikomplu bħalha Kunsill jew jinħarġu tenders?  Is-Sur Cordina qal li mbagħad jaraw għax preżentament hemm xi affarijiet li jistgħu jinxtraw *direct order* jew jinġabu tliet kwotazzjonijiet imma jridu jaraw iż-żmien li kull ma jmur qed jagħfas.

L-Avukat Brincat qal li dan irid jinżamm ukoll responsabbli għad-danni u anke l-finanzi missu jikteb il-Kunsill.

Is-Sur Galea saqsa x'jista' jkun hemm x'taqbadlu dan? Hawnhekk, is-Sur Cordina qabeż fin-nofs jgħid li dan kollu hu tort tal-Bord tal-Kuntratti li laqa' l-appell tal-kuntrattur meta l-Kunsill kien mar fuq it-tieni bidder minħabba nuqqas ta' karti mdaħħla fl-offerta tiegħu.

68.3.4 *PA 07539/23*

Is-Sur Cordina qal li hemm applikazzjoni ta' bdil minn *sheds* għall-*multi-purpose halls* fil-ġnien tal-Palazz tal-President. Hu qal li *multi-purpose halls* tista' tfisser ħafna u l-quddiem jistgħu isiru festini u tiġijiet. Hu propona li ssir oġġezzjoni għax minn *halls* isiru riċevimenti u ħafna affarijiet oħra. Ġie ċċarat li l-applikazzjoni mhix ġejja mill-Palazz tal-President imma minn min jieħu ħsieb il-ġonna ta' Sant'Anton.

Kulħadd qabel li ssir oġġezzjoni.

68.3.5 Ħ'Attard Subbuteo Club

Is-Sur Cordina qal li rċieva imejl mingħand Ħ'Attard Subbuteo Club sabiex dan il-klabb li hu affiljat mal-Kunsill jingħata għajnuna biex iħallas il-kera. Kulħadd qabel u għalhekk ġie deċiż li tingħata s-somma ta'€500 bħas-sena l-oħra.

## 68.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

68.4.1 Alex Mangion

- Saqsa tabelli ta' Projbizzjoni ta' Dħul fi Triq il-Kappella tal-Mirakli. Is-Sur Cordina qal li dan ix-xogħol mhux tal-Kunsill imma saret talba biex kull meta jsiru xi tabelli dawn isiru *except for residents.* Qal li mhux neċessarjament kull talba li ssir mill-Kunsill se tkun aċċettata imma fil-frattemp dawk tal-Kappella tal-Mirakli tgħattew.
- Saqsa jekk il-kalendarju ġiex ipprintjat. Is-Sur Cordina qal li kalendarju ġew printjati 1000 kopja.

68.4.2 Victor Galea

- Irrimarka li appuntu fuq dawn ix-xogħlijiet ta' Triq Santa Katerina fuq midja differenti kien hemm ħafna kritika kontra s-Sur Cordina. Is-Sur Cordina qal li jaf imma li fl-ebda ħin ma ssemma ismu u lanqas iż-żeffen jew kien hemm xi kritika fuq il-Kunsill. Qal ukoll li sar rapport fuq id-dawl lill-Kunsill u saħansitra kien hemm min wieġeb li l-Kunsill jirrapporta biss jista' kif fil-fatt sar. Irringrazzja lis-Sur Galea talli qed jissapportjah imma qal ukoll li fl-aħħar mill-aħħar dik hi l-kritika.

- Saqsa fuq xi ħadd Joe Abdilla fuq xi kotba tal-*aerial views.* Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li dawn il-kotba nxtraw għall-librerija.

68.4.3 Remigio Bartolo

- Qal li nbidlet id-data ta' Jum Ħ'Attard minn Marzu għall-14 ta' April minħabba li kien ħa jkun hemm wisq affarijiet relatati mal-Għid f'Marzu.
- Qal li l-Grow10Trees xtaqu jerġgħu jizirgħu xi pjanti. Is-Sur Cordina ippropona l-24 ta' Frar fid-9.30 ta' filgħodu.
- Qal li kollox lest għat-*Team Building* tad-9 ta' Frar ġewwa Sqallija. Is-Segretarju Eżekuttiv emfasizzat li T*eam Building* jinkludi attivitajiet sabiex isaħħu u jibnu relazzjonijiet aħjar bejn il-Kunsill u l-istaff.
- Semma li Stradarjali – kumpanija fuq il-mezzi soċjali qed jagħmlu vidjo żgħir ta' xi 3 minuti fuq kull raħal jismu Ejja Magħna Sa.....dan il-vidjo jiswa' €300 u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex dan isir. Kulħadd qabel.

68.4.4 Silvio Brincat

- Qal li xtaq isaqsi fuq Triq Victor Vassallo imma din issemmiet mis-Sindku qabel.
- Saqsa fuq l-applikazzjoni tal-BOV plc u ġie nfurmat li din ġa tinsab sottomessa.
- Saqsa fuq l-isports village. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li semgħet li tant kien hemm oġġezzjonijiet li għalissa mhu sa jsir xejn.
- Saqsa fuq l-applikazzjoni tal-Farenheit. Is-Sur Cordina qal li s'issa l-Kunsill ma ġiex notifikat biex jitla' l-PA.

68.4.5 Helen Caruana

- Qalet li Triq il-Kappella tal-Mirakli hi t-triq fejn toqgħod hi u li kien hemm bosta nies li qalgħu ċitazzjoni. Is-Sur Cordina qal li kiteb lill-LESA biex dawn jinħafru imma jiddependi minn LESA issa jekk din it-talba tintlaqax jew le.

Is-Sur Cordina qal li ħaġa tal-aħħar li xtaq jgħidilhom hi, li sena wara li nbeda l-ġbir ta' skart mir-Reġjun, id-Direttorat għadu qed jiddiskuti kif ħa jinġabar il-ħġieġ. Qalilhom ukoll li l-bieraħ 16 ta' Jannar l-Onorevoli Civelli għamlet viżita ta' kortesija l-Kunsill u li kellhom diskussjoni fl-opinjoni tiegħu tajba ferm, anke fuq l-iskart, fejn ingħad li s-servizz mogħti qiegħed tajjeb, imma li l-kuntratt irid jiġi aġġornat biex jinkludi l-ġbir tal-kartun. Hu qal li tkellmu wkoll fuq ir-riforma tal-Gvern Lokali.

## 68.5 Rapporti:

68.5.1 Ma kienx hemm rapporti minħabba li għalkemm kellu jitressaq il-baġit huma ma laħqux lestewh bl-ammont ta' xogħol li kellhom b'lura.

## 68.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

68.6.1 ***Skema Lifelong Learning 2024/2025***

Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li jkomplu bil-crochet biex min ikun beda dan is-sena ta' qabel ikun jista' jkompli fuq l-istess.

Kulħadd qabel.

68.6.2 **Approvazzjoni ta' *Performance Bonus 2023***

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni ir-Rapporti ta' Apprezzament tagħha u tal-istaff skont kif jidher hawn taħt:

Marica Mifsud Mintoff 10%
Yanica Sammut 6%
Karen Fsadni 6%
Sharon Debono 6%
Arthur Caruana 6%
Joanne Aquilina 6%
Diandra Borg Fenech 6%

Is-Sur Cordina qal li min irid jara r-rapport jista' jarah u li dan qiegħed quddiemu. Qal li qed jirrakkomanda li, wara li għaddiet sena turbulenti bħal ma għaddiet fejn raw lis-Segretarju Eżekuttiv tirsisti, mhux għax is-soltu ma tirsistix, imma irsistiet iktar biex kien hemm ċertu *deadlines* tal-EU marbuta mal-Info Centre laħqet magħhom u li kieku ma kienitx hi ma kienux ilaħħquhom żgur u li tħabbtet biex fejn setgħet iġġib iktar fondi, din tingħata l-massimu tal-bonus mingħajr ebda oġġezzjoni.

Is-Sur Mangion qal li jaqbel perfettament u xtaq jgħidilha grazzi għax tul din l-aħħar sena ra tibdil fl-istruttura tal-Kunsill u talli dejjem jieħdu paċenzja kemm bihom il-Kunsilliera u anke bir-residenti li huma kuntenti bis-servizz.

Is-Sur Bartolo qal li jrid jikkonferma dak li qal is-Sur Mangion. Qal li huma bħalha Kunsill u staff vera jaqblu imma mingħajr il-koperazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-istaff żgur ma jagħmlux nofs ix-xogħol li jagħmlu. Kompla jżid li waqt il-ġemellaġġ saħansitra bgħatulu imejl fis-siegħa ta' filgħodu konferma li dawn anke bil-lejl ikunu għadhom għaddejjin xogħol. Hu għalaq billi qal li jaqbel perfettament li dawn jieħdu l-massimu tal-*Performance Bonus*.

Is-Sur Victor Galea qal prosit u li jaqbel perfettament u li xtaq jagħti wkoll lill-ħaddiema ta' barra. Imma qabel.

Is-Sur John Bonnici u l-Avukat Caruana qalu li jaqblu perfettament.

Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lil kulħadd u qalet li hi kburija b'dan il-Kunsill li bena relazzjoni bejniethom eċċellenti.

Il-Kunsill qabel li jingħata l-**MASSIMU** tal-*Performance Bonus* lil kulħadd.

## 68.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

68.7.1 Proponent: Helen Caruana Sekondant: John P. Bonniċi

L-iskeda ġiet approvata.

## 68.8 Mozzjonijiet; u

68.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 68.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

68.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.28pm u ġiet aġġornata għas-21 ta' Frar 2024 fis-5.30pm

Konfermati, illum 21 ta' Frar 2024.

| | |
|---|---|
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |